**KunsillLokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

11 ta' Lulju 2017

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana - Kunsillier

**SKUZATI**:
Janice Chetcuti – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI**:

Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 39.1 | Qari ta' ittri ta' apologiji |
| 39.1.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Janice Chetcuti kienet baghtet sms li permezz tieghu kienet talbet illi l-Kunsill jiggustifika l-attendenza taghha mis-seduta tal-Kunsill Lokali minhabba ragunijiet familjari. |
| 39.1.12 | Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Stephen Caruana u li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti il-Kunsill Lokali ggustifika n-nuqqas tal-Kunsilliera Chetcuti. |
| 39.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 39.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 38, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija. |
| 39.2.2 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana issekondata mis-Sur Horace Gauci, il-minuti ta' seduta 38, gew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti. |
| 39.2.3 | Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett. |
| 39.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 39.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar id-19 ta' Gunju 2017 kienet saret spezzjoni gewwa toroq f'Delimara bil-ghan illi jsir patching permezz ta' inizjativa mill-Kunsill Lokali flimkien mal-Ministeru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti. |
| 39.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet inzammet laqgha rigward abbozz ta' bye-law li kien qieghed ihejji l-Kunsill Lokali ghal zoni riservati ghas-sajjieda. Il-laqgha kienet inzammet nhar l-20 ta' Gunju 2017. |
| 39.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi matul il-granet precedenti ghas-seduta kien qieghed jissorvelja xogholijiet ta' *roadmarkings* li kienu qieghdin isiru fi Triq iz-Zejtun minn Transport Malta. |
| 39.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-26 ta' Gunju 2017 kien attenda ghal seminar dwar fondi disponibbli mill-Kunsill Malti ghall-Arti gewwa Hal Tarxien. |
| 39.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-27 ta' Gunju 2017 kienet inzammet laqgha ma' SEP Malta Ltd. gewwa l-Kullegg San Tumas More li matulu kienu gew diskussi progetti kulturali/ambjentali li setghu jsiru fil-lokalita'. |
| 39.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-27 ta' Gunju 2017 kien irraprezenta lill-Kunsill Lokali fil-Green MT awards. Is-Sindku zied jghid illi fl-okkazjoni, il-Kunsill Lokali kien rebah numru ta' unuri. |
| 39.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien inxtraw numru ta' pjanti ghal Pjazza Madonna ta' Pompei. |

| | |
|---|---|
| 39.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul kien iltaqa' mal-Perit Francois Mangion bil-ghan illi jigu diskussi xogholijiet f'Marsaxlokk. Is-Sur Gauci zied jghid illi kien qieghed jistenna stima tal-hlas li kien ser ikun qieghed jitlob il-perit Mangion. |
| 39.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-10 ta' Lulju 2017 kienet inzammet seduta tar-Regjun Xlokk li ghaliha kien attenda. |
| 39.4 | Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 39.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Mwejjed u siggijiet"<br>Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb illi kemm il-darba l-mistoqsija kienet qieghda tirreferi ghal imwejjed u siggijiet tal-istabbiliment ta' Xatt is-Sajjieda kien jinhtieg illi l-materja tigi diskussa waqt seduta tal-Kunsill Lokali. |
| 39.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Zebgha tal-Pjazza u l-Bus Stop"<br>Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb illi kemm il-darba l-mistoqsija kienet qieghda tirreferi ghal Triq Xatt is-Sajjieda, il-Kunsill Lokali kien qieghed jistenna risposti minn Transport Malta. |
| 39.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Roundabout ta' Triq iz-Zejtun"<br>Is-Sindku wiegeb illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jistenna li tittiehed azzjoni minn Transport Malta u MELP dwar il-materja. |
| 39.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Kwistjoni tal-funtana"<br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dwar il-materja kien jinhtieg li jkun hemm diskussjoni mill-Kunsill Lokali. |
| 39.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Regeneration plan/ monti"<br>Is-Segretarju Ezekuttiv sahaq illi l-materji kienu ser ikunu qieghdin jigu diskussi waqt laqgha li kienet ser tkun qieghda tinzamm ma ufficjali mill-Ufficcju tal-Prim Ministru. |
| 39.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Fanali tax-xatt"<br>Is-Sindku, wara li spjega l-problemi li kienu inqalghu fir-rigward pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stima ghal xiri ta' fanal minghand Calleja Ltd. liema stima kienet tammonta ghal €212.57.<br>Wara diskussjoni libera, il-Kunsill Lokali unanimament approva x-xiri ta' fanal ghall-ispiza msemmija. |
| 39.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa 'Kwistjoni mal-Haddiema'.<br>Is-Sindku qal illi kienet qamel kwistjoni rigward l-operat tal-haddiema assenjati jahdmu mal-Kunsill Lokali. Id-diffikulta kienet tikkoncerna l-hinijiet u xogholijiet li kienu jwettqa l-imsemmija haddiema fil-lokalita'. |
| 39.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa " il-Hadid ta' fejn il-Code 09"<br>Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi l-materja kien jinhtieg li tigi diskussa waqt seduta tal-Kunsill Lokali.<br>Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kellu jsir kuntatt mas-sid il-gdid tal-imsemmi stabbiliment u kellha ssir talba sabiex hadid li kien hemm faccata tal-entratura tal-istess stabbiliment u li kien tpogga fil-post mis-sid precedenti jigi mnehhi fl-iqsar zmien possibbli |

| | |
|---|---|
| 39.5 | Rapporti |
| 39.5.1 | Is-Sindku pprezenta rapport dwar korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali u li kien jirrikjedi decizjoni mill-Kunsill Lokai. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:<br><br>- Permezz ta' avvizi li deheru fil-gazzetta tal-Gvern, l-Awtorita' tal-Ippjanar habbret li kienet irceviet is-segwenti applikazzjonijiet ghal zvilupp: PA/05027/17, PA/00223/17, PA/02202/04, PA/07833/16, PA/04775/17, PA/03279/17, PA/03282/17, PA/03364/17, PA/04164/17, PA/03396/17, PA/04031/17, PA/07624/16, PA/04253/17, PA/04593/17, PA/01772/17, PA/01773/17, PA/01783/17, PA/02217/17, RG/00539/17, PA/02767/16, PA/03741/17, PA/05308/17, PA/03681/17.Wara li gew ezaminati l-applikazzjonijiet b'mod individwali gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob il-pjanti ghal applikazzjoni numru PA/01772/17. Kien hemm ukoll diskussjoni libera dwar applikazzjoni numru PA/02767/16 li matulha gie deciz illi l-Kunsill Lokali kien ghad ma kellux bizzejjed dokumentazzjoni sabiex jevalwa l-izvilupp propost.<br>- Il-Kunsill Lokal gie infurmat illi kienet inharget awtorizzazzjoni ghal reserved parking fi Triq il-il-Felluka.<br>- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kien inhareg permess lill-istess Kunsill Lokali sabiex ippoggi blokok tal-konkos fiz-zona tal-maghluq.<br>- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' talba ta' kollaborazzjoni li kienet waslet minghand l-Ghaqda Muzikali Madonna ta' Pompei ghal attivita' li kellha tittella' is-sibt 29 ta' Lulju 2017.<br>- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'petizzjoni li kienet waslet rigward applikazzjoni ghal tqeghid ta' mwejjed u siggijiet fi Sqaq Busbiesi. Is-Sindku zied jghid illi fir-rigward kien sar appell mill-Kunsill Lokali, liema appell kien jinkludi l-petizzjoni in-kwistjoni.<br>- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tigi accettata stima minghand is-Sur Saviour Mifsud ghal tindif madwar il-lokalita' fi zmien il-festa tar-rahal. L-istima kienet tammonta ghal €826. |
| 39.6 | Sejhiet ghall-Offerti |
| 39.6.1 | Is-Sindku fakkar lill-Kunsill Lokali illi kien ghad jinhtieg issir evalwazzjoni ta' sejha ghall-offerti li kienet inharget ghall-gbir ta' skart goff |
| 39.6.2 | Wara li s-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien wasal biex jaghlaq il-perjodu ta' sottomissjonijiet ghal sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghaz-zamma u manutenzjoni ta' soft areas u gonna pubblici. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-evalwaturi kellhom jiltaqghu nhar it-Tnejn 24 ta' Lulju 2017 fl-10:00a.m. sabiex jibdew jigu evalwati l-offerti sottomessi. |
| 39.7 | Estensjoni ta' terminu tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| 39.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi t-terminu tas-Sur Duncan Hall bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali ta' Bormla kien ser ikun qieghed jiskadi fi tmiem Lulju 2017 u talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi ssir rakkomandazzjoni sabiex it-terminu jigi estiz bi tlie xhur hekk kif legalment stabbilit. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha ssir rakkomandazzjoni sabiex it-terminu jigi estiz. |

| | |
|---|---|
| 38.7.2 | Is-Sindku fakkar lil dawk involuti sabiex fl-iqsar zmien possibbli issir l-evalwazzjoni ghal sejha ghall-offerti numru MXLC01/2017 u infurmahom illi kienet qrib id-data ta' gheluq tas-sottomissjonijiet ghal sejha ghall-offerti numru MXLC02/2017. |
| 39.8 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 39.8.1 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 7/17 ) ghall-approvazzjoni. |
| 39.8.2 | Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali ma kellux japprova l-hlas dovut lis-Sur Ronald Bezzina ghall-knis ta' toroq fil-lokalita' peress illi kien innota diversi nuqqasijiet fis-servizz. Is-Sur Gauci zied jghid illi flimkien mal-amministrazzjoni kien gibed l-attenzjon tal-istess kuntrattur diversi drabi dwar nuqqasijiet li kien innota. Wara li d-deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali bil-proceduri kuntrattwalment stipulati ghal tali cirkostanzi, bi qbil unanimu gie deciz illi ma jitnaqqas xejn mill-hlas dovut lis-Sur Bezzina. Madanakollu fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Horace Gauci ssekondat mis-Sur Daniel Zerafa u b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali ddecieda illi jinhareg avviz ta' '*default in performace*' lis-Sur Ronald Bezzina. Flimkien mal-istess avviz kellhom jigu annessi ritratti u dokumenti li jindikaw in-nuqqasijiet kuntrattwali li wasslu ghad-decizjoni. |
| 39.8.4 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 39.9 | Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss |
| 39.9.01 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 8 ta' Awissu 2017 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 8 ta' Awissu 2017

Iffirmata — iffirmata

Horace Gauci
Sindku

Duncan Hall
Deputat Segretarju Eżekuttiv